

Emenda 11

Hannah Neumann, Saskia Bricmont

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal rakkomandazzjoni

B9-0260/2023

Kumitat ta' Inkjesta biex Jinvestigata l-Użu tal-Pegasus u ta' Software ta' Spjunaġġ għas-Sorveljanza Ekwivalenti

Investigazzjoni dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni

Paragrafu 32 – punt d

Proposta għal rakkomandazzjoni

Emenda

(d) data li hija protetta bi privileġġi jew immunitajiet li jirreferu għal kategoriji ta' persuni (bħal politiċi, tobba, eċċ.) jew relazzjonijiet protetti b'mod speċifiku (bħall-privileġġ bejn l-avukat u l-klijent) jew regoli dwar id-determinazzjoni u l-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatata mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f' media oħra, m'għandhiex tipprova tinkiseb permezz ta' software ta' spjunaġġ **sakemm ma jkunx hemm biżżejjed raġunijiet, stabbiliti taħt is-sorveljanza ġudizzjarja, li jikkonfermaw l-involviment ta' attivitajiet kriminali jew kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali, li għandhom ikunu soġġetti għal qafas komuni;**

(d) data li hija protetta bi privileġġi jew immunitajiet li jirreferu għal kategoriji ta' persuni (bħal politiċi, tobba, eċċ.) jew relazzjonijiet protetti b'mod speċifiku (bħall-privileġġ bejn l-avukat u l-klijent) jew regoli dwar id-determinazzjoni u l-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatata mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f' media oħra, m'għandhiex tipprova tinkiseb permezz ta' software ta' spjunaġġ;

Or. en

Emenda 12**Hannah Neumann, Saskia Bricmont**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal rakkomandazzjoni**B9-0260/2023****Kumitat ta' Inkjesta biex Jinvestiga l-Użu tal-Pegasus u ta' Software ta' Spjunaġġ għas-Sorveljanza Ekwivalenti**

Investigazzjoni dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni**Paragrafu 32 – punt g***Proposta għal rakkomandazzjoni**Emenda*

(g) il-korpi ta' skruntinju nazzjonali għandhom jirrapportaw lill-Istati Membri, u wara l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fuq bażi regolari; il-Kummissjoni għandha tuża din l-informazzjoni fir-rapport dwar l-istat tad-dritt annwali tagħha biex tippermetti paragon bejn l-użu ta' software ta' spjunaġġ fl-Istati Membri;

(g) il-korpi ta' skruntinju nazzjonali għandhom jirrapportaw lill-Istati Membridwar ***l-użu ta' software ta' spjunaġġ mill-awtoritajiet li jużawhom***, u wara, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fuq bażi regolari; ***ir-rapporti għandhom jinkludu l-informazzjoni anonimizzata kollha meħtieġa u bħala minimu għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin: l-għadd ta' każijiet ta' użu għal kull mira/apparat, it-tip ta' software ta' spjunaġġ u l-kapaċitajiet użati (eż. monitoraġġ tal-komunikazzjonijiet online, estrazzjoni ta' data ta' lokalizzazzjoni), l-awtorità responsabbli għat-twettiq tal-operazzjonijiet, it-tip ta' apparat affettwat, it-tul tal-operazzjonijiet, il-kategorija ta' reati u l-attività professjonali fil-mira***; il-Kummissjoni għandha tuża din l-informazzjoni fir-rapport dwar l-istat tad-dritt annwali tagħha biex tippermetti paragon bejn l-użu ta' software ta' spjunaġġ fl-Istati Membri;

Or. en